# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2000**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 495/89 JF**

**Joseph Sammut bhala managing director u in rapprezentanza tas-socjeta' "Joseph Sammut Company Limited".**

**vs**

1. **Lawrence Fino u Wallace Fino bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' "Tamarac Limited"; u**
2. **Lawrence Fino u Anthony Fino bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' "C. Fino and Sons Limited".**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' attrici esegwit diversi xogholijiet fuq inkarigu tas-socjetajiet konvenuti fil-fond maghruf bhala Milano Due, f'113, The Strand, Gzira, b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u wiehed u sittin lira, u hamsa u erbghin centezmu (Lm23,161.45,0) kif spjegat dettaljatament fil-kont tax-xoghol datat 25 ta' Lulju 1988 (Dokument A);

U premess li s-socjetajiet konvenuti ma accettawx dan il-kont u arbitrarjament u bla raguni valida fil-ligi irriducew l-istess kont ghal sbatax-il elf, disa' mija u erbgha u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm17,934.62,0) kif jidher spjegat fil-kont preparat mill-perit Dione Galea (Dokument B);

U premess illi sar qbil dwar il-hlas tal-ammont ta' Lm17,934.62,0 li ma kienx in disputa, u dan bla pregudizzju ghall-bilanc, pero' il-konvenuti nomine baqghu jirrifjutaw li jhallsu l-bilanc ta' hamest elef, mitejn u sitta u ghoxrin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm5,226.83,0) skond il-kont tal-attur nomine kif gja fuq spjegat;

Talab li din il-Qorti:

1. Tikkundannhom biex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' hamest elef, mitejn u sitta u ghoxrin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm5,226.83,0), bilanc (oltre l-ammonti gja accettati minnhom) tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti fuq inkarigu tal-istess

konvenuti nomine, fil-fond maghruf bhala Milano Due, f'113, The Strand, Gzira, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar 1989, u bl-imghaxijiet kummercjali minn l-istess data, kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, cjoe' ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tamarac Limited fejn eccepixxew:

1. Illi huwa minnu li s-socjeta' Tamarac Ltd. flimkien mas-socjeta' Vitrex Ltd., inkarigat lis-socjeta' attrici biex taghmel diversi xogholijiet fil-fond maghruf bhala Milano Due f'113, The Strand, Gzira.

2. Illi l-prezz dovut skond il-ftehim bejn is-socjeta' attrici u s-socjetajiet Tamarac Ltd. u Vitrex Ltd. kien ta' sbatax-il elf, disa' mija u erbgha u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm17,934.62) u dan kif jidher mill-kont preparat mill-Perit Dione Galea, esebit mac-citazzjoni bhala Dokument B.

3. Illi d-differenza bejn il-prezz ta' sbatax-il elf disa' mija u erbgha u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm17,934.62) u l-prezz mitlub mis-socjeta' attrici, cjoe' tlieta u ghoxrin elf, mija wiehed u sittin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm23,161.45) kif spjegat fil-kont esebit mac-citazzjoni esebit bhala Dokument A m'hijiex dovuta stante illi parti minnha kienet imkejjla u nkluza fil-kont fuq imsemmi ta' Dione Galea, parti tirrapprezenta tnaqqis ghal

xoghol hazin u mhux skond il-ftehim u parti tirrapprezenta xoghol li qatt ma sar.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine; cjoe' in rapprezentanza ta' Fino & Sons Ltd. fejn eccepew:

1. Illi s-socjeta' C. Fino & Sons Ltd. ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mid-domandi tas-socjeta' attrici.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-affidavits li gew ipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament ir-relazzjoni peritali li giet ipprezentata mill-perit gudizzjarju, l-Arkitett u Nginier Civili David Pace, kif ukoll dik addizzjonali ordnata wara talba espressa tal-attur nomine li ma kienx sodisfatt bil-mod kif il-perit ghamel u kkonsidra l-qisien u kalkoli ghall-fini ta' kwantifikazzjoni tax-xoghol u l-hlas bilancjali li ghadu dovut lill-attur nomine;

Rat ukoll il-verbal tad-9 ta' Ottubru 1996 fejn l-Avukat Dottor Henry Antoncich ghas-socjetajiet konvenuti rrimetta ruhu ghar-rizultanzi peritali raggunti mill-perit gudizzjarju;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li l-meritu huwa wiehed ta' natura teknika u cjoe' nuqqas ta' qbil dwar il-hlas bilancjali dovut lill-attur nomine in konnessjoni ma' xoghol ta' kostruzzjoni esegwit fil-kumpless Milano Due, f'numru 113, The Strand, il-Gzira, apparti wkoll l-eccezzjoni tas-socjeta' C. Fino and Sons Limited li tghid li hija kellha tigi estromessa mill-kawza ghaliex ma hijiex legittima kontradittur.

Illi kwantu ghall-hlas bilancjali reklamat mill-attur nomine, l-abbli perit gudizzjarju f'relazzjoni elaborata hafna, segwita minn eskussjoni in iskritt, huwa kien tal-fehma li ghalkemm l-attur nomine kienu ghadu ntitolat ghal hlas bilancjali, dana pero' kellu jkun f'ammont inferjuri ghal dak mitlub. Di fatti l-perit tekniku illikwida l-ammont ta' Lm950.76 (ara relazzjoni a fol. 78-120 tal-process) b'zieda marginali ta' Lm50.50c ghal xi xoghol iehor li ma kienx ittiehed in konsiderazzjoni, u b'kollox ghalhekk illikwida l-ammont ta' elf u lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1,001.26c). Illi filwaqt li l-konvenuti nomine irrimettew irwiehhom, l-attur nomine issottometta li kif gie maghul il-kejl tax-xogholijiet min-naha tal-espert tal-Qorti, dan ma kienx ezatt ghax tkejjel bil-miftuh flok bil-maghluq u talab li r-rapport jigi rikunsidrat bir-rimessa tieghu f'idejn l-istess perit. Din il-Qorti, kif dakinhar presjeduta, laqghet din it-talba. Madanakollu, wara li rrikunsidra kollox fid-dawl ta' dak li gie sottomess lilu

ulterjorment, l-abbli perit ma biddilx fehmtu u l-ammont li kien gja' llikwida baqa' invarjat.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha li gew prodotti ma jidhrilhiex li hemm xi zzid ma' dak li gie kkostatat u konkluz mill-perit gudizzjarju fir-rapporti tieghu u qeghda ghalhekk taddottahom. Ghalhekk dana jfisser li l-attur nomine kien haqqu biss jithallas l-ammont ta' Lm1,001.26 bhala bilanc per saldu, u mhux invece kif gie mitlub minnu fl-att tac-citazzjoni.

Illi dwar min ghandu jigi tenut responsabbli ghal dan il-bilanc fil-konfront tal-attur nomine, u dana billi gew imharrkin zewg socjetajiet u mhux wahda, il-Qorti jidrilha li effettivament ghalkemm il-ftehim originali ntlahaq mas-socjeta' "Tamarac Limited", pero' kien hemm intromissjoni partecipattiva shiha min-naha tas-socjeta' konvenuta l-ohra ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' sorveljanza u dettalji ta' xoghlijiet rikjesti u billi dan il-hlas huwa intimament relatat mal-istess socjetajiet, it-tnejn f'daqqa, il-Qorti jidrilha li s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli in solidum di fronte l-attur nomine.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament pero' ghas-somma ta' Lm1001.26c u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti in solidum li jhallsu dan l-ammont hekk likwidat.

Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez dana ghandu jigi supportat hekk, stante dak li gie deciz supra, u cjoe' kwantu ghal erbgha kwinti ($^4/_5$) mill-attur nomine u kwinta parti ($^1/_5$) mis-socjetajiet konvenuti ad

eccezzjoni tat-tieni relazzjoni peritali li giet ipprezentata mill-espert gudizzjarju fid-9 ta' Dicembru 1999 (fol. 267 - 365 tal-process) li tibqa' unikament u interament a kariku tal-attur nomine.

Fl-ahharnett l-interessi fuq l-ammont likwidat jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md